MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2009

Appell Civili Numru. 205/2007/1

**Charles Bartolo**

**vs**

**Joseph Muscat**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Gunju, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avvizipprezentat mill-attur fid-9 ta' Lulju 2007 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma ta' erbat elef u tlett mija u sebghin Liri Maltin (Lm4,370) liema somma tirraprezenta bilanc dovut minn somma akbar li giet mghoddija lilu permezz ta' self *brevi manu* fit-

18 t'April 2001, wara li huwa waqaf ihallas il-pagamenti kif miftiehem.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tat-2 ta' Frar 2007 (nru 632/07) u tal-21 ta' Marzu 2007 (1573/07) u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Muscat fejn eccepixxa:

1. Illi, fl-ewwel lok il-konvenut jecepixxi *in limine litis*, il-preskrizzjoni tat-talbiet tal-attur ghalhekk il-konvenut ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju minghajr il-htiega ta' indagini aktar approfondita minn dina l-Onorabbli Qorti;

2. Illi, subordinatament ghall-ewwel eccezzjoni u minghajr pregudizzju ghall-istess, it-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u m'hemm xejn x'juri li dan is-self *brevi manu* fil-fatt sar;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet,kwalsiasi ammonti versati a favur tal-konvenut Joseph Muscat minn Charles Bartolo, ilhom li thallas u dan bi hlas ta' imghax hafna aktar gholi minn dik permessa mill-Ligi;

4. Illi, subordinatament il-konvenut jecepixxi li kemm-il darba l-attur ma huwiex istituzzjoni finanzjarja, imghax ma huwiex dovut bir-rata kummercjali.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 t'April 2007.

Ghaldaqstant invista tas-suespost, il-konvenut Joseph Muscat, filwaqt li jaghmel referenza ghall-provi pruducibbli waqt l-andament tal-kawza, umilment jitlob lill-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tal-attur u konsegwentement tillibera lill-konvenut minn kull htija, imputazzjoni

jew responsabbilta' fil-konfront tal-attur u talbiet maghmulin minnu.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Il-qorti

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fid-9 ta' Lulju 2007 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet...

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut qieghed ipoggi ostakolu preskrittiv ghall-azzjoni attrici, izda ma specifikax liema artikolu qieghed jinvoka favur tieghu. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tistax tiehu inizjattiva u tara hi liema artikolu japplika ghal dan il-kaz. Kif gie ripurtat fil-kawza Cali vs Galea (Vol XL pt I pg 166) *"... il-Qorti ma tistax tapplika preskrizzjoni ex ufficio; ghax l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, biex il-Qorti tikkunsidraha, jehtieg li tkun specifikata mill-eccipjent, u mhux bizzejjed li l-eccipjent ighid li jaghti l-eccezzjoni ta' kwalunkwe preskrizzjoni ohra skond il-ligi. Ghax xorta ohra l-Qorti tkun qieghda tissuplixxi ghal parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizjattiva; u fl-assenza ta' indikazzjoni cara u specifika ta' preskrizzjoni ohra, l-eccezzjoni alternattiva tal-preskrizzjoni moghtija mill-eccipjent mhijiex attendibbli."* (ara wkoll Appell Inferjuri Micallef vs

Micallef deciza fis-16 t'April 1994). Mhux il-kaz quindi li l-Qorti tkompli tindaga fuq din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u filwaqt li tichadha tghaddi biex tikkunsidra l-kawza fuq il-meritu.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi permezz ta' skrittura tat-18 t'April 2001 Dok CB 1 fol 15 l-attur silef lill-konvenut Joseph Muscat l-ammont ta' ghaxart elef lira. Dawna kienu maqsuma b'erbat elef lira cheque u sitt elef lira flus kontanti. Skond il-ftehim kellhom isiru hlasijiet bir-rata ta' tlett mitt lira fix-xahar. Prezenti ghal dan il-ftehim kien hemm il-Perit Robert Sarsero. Skond l-attur il-konvenut hallsu l-ammont ta' Lm5,630 u fadallu bilanc ta' Lm4,370 u l-ahhar li kien hallas kien fil-bidu ta' l-2007.

Il-Perit Robert Sarsero (fol 19) gharaf id-dokument fuq imsemmi bhala kitba tieghu u gharaf ukoll il-firma. Kien hu li kiteb ic-cheque li ghadda lill-konvenut. Rigward il-kondizzjonijiet tal-ftehim kienu l-istess partijiet li qalulu bihom u kienu diga' ftiehmu bejniethom. Rigward il-flus kontanti l-Perit Sarsero qal testwalment *".... flus ghaddew zgur ghax altrimenti ma kontx niffirma fuq l-iskrittura."*

Il-konvenut minn naha l-ohra, filwaqt li jikkonferma li huwa rcieva c-cheque ta' erbat elef lira nnega li rcieva flus kontanti. Qal li ma jafx jaqra, gabulu l-iskrittura, qalulu fejn kellu jiffirma u hekk ghamel u gharaf il-firma tieghu. Ircevuti tal-pagamenti qatt ma rcieva u qatt ma talab. Ikkonferma illi hallas xi haga fuq il-hamest elef lira (Lm5,000) u rrifjuta li jkompli jhallas il-bilanc ghax qal li hallas imghaxijiet bizzejjed.

Mart il-konvenut Jacqueline Muscat (fol 35) qalet illi taf bic-cheque ghax kienet ma' zewgha meta marru jsarfuh u kienu hallsu lura mitejn lira fix-

xahar. Taf illi zewgha kien iffirma skrittura u kienet ratha, izda ma tafx li fuq l-iskrittura kien hemm dikjarazzjoni li kien qed isir self ta' flus kontanti. Ikkonfermat li zewgha hallas lura xi haga fuq hamest elef lira.

Ikkunsidrat:

Illi minn dawn ir-rizultanzi processwali tidher traskuragni kbira fl-affarijiet finanzjarji tal-konvenut. Jekk dana, u jekk verament huwa minnu, illi ma jafx jaqra, allura f'dak il-kaz kien messu gab persuna ta' fiducja illi setghet taqralu l-iskrittura u tfiehmu l-import taghha. F'dan is-self zgur li l-konvenut ma aggixiex ta' *bonus pater familias* u ma tantx tidher verosimili l-allegazzjoni tieghu illi gie ndikat lilu l-post fejn kellu jiffirma ismu u hekk ghamel. Din ix-xhieda tikkuntrasta bis-shieh minn dik tal-Perit Robert Sarsero (fol 19) illi jghid illi qara l-iskrittura lill-partijiet, fehemielhom u ffirmaw quddiemu. *"... cert illi jiena qrajtulhom u fehemu dak illi kien hemm miktub."*

Il-Qorti jidhrilha illi l-provi illi gab l-attur huma aktar veritjeri minn dawk tal-konvenut. Imkien ma jirrizulta illi saret xi forma ta' uzurija fil-ftehim fuq imsemmi u l-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghaliex ghandha tiddubita mix-xhieda tal-Perit Robert Sarsero. Minn naha l-ohra, il-konvenut u l-mara tieghu huma pjuttost neboluzi fix-xhieda taghhom u ppruvaw jaghtu l-impressjoni li l-attur approfitta minn nuqqas ta' skola taghhom. Mart il-konvenut Jacqueline Muscat kellha l-opportunita' li tara l-iskrittura, ghax hekk qalet, izda l-Qorti ssibha ferm stramba kif ma ndunatx bid-dikjarazzjoni illi kien qed isir self ta' flus kontanti. Dina turi nuqqas serju ta' attenzjoni ghal dokument daqshekk importanti illi kien sejjer jaffettwa r-regim finanzjarju taghhom. Jekk kienu daqshekk traskurati u negligenti allura m'ghandhomx jippretendu li jsibu xi spalla mill-Qorti biex jippruvaw jevitaw dak illi huma legalment marbuta illi jaghmlu.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma ta' €10,182.10 (Lm4,370) liema somma tirraprezenta bilanc dovut minn somma akbar illi giet mghoddija lill-konvenut permezz ta' self b'revi manu fit-18 t'April 2001. Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali u cioe' 8 ta' Frar 2007 (fol 23) kontra l-konvenut.**"**

L-ilmenti li jgib il-konvenut appellant kontra din is-sentenza huma dawn:-

(1) Ghalkemm hu minnu li quddiem l-ewwel Qorti ma ssemmiex l-artikolu relattiv tal-preskrizzjoni minnu opposta, xorta wahda jinsisti fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2156 (e) tal-Kodici Civili;

(2) Fil-mertu, u kuntrarjament ghal dak ritenut mill-ewwel Qorti, l-attur naqas li jipprova l-pretensjoni tieghu sal-grad li trid il-ligi. Huwa jsostni dan in virtu tas-sottomissjoni illi l-provi prodotti kienu ferm konfliggenti;

Fuq l-ewwel kwestjoni m'hemmx dubju illi, kif sewwa rragunat l-ewwel Qorti, hu inkombenti fuq il-parti li teccepixxi l-preskrizzjoni li tispecifika x-xorta tal-preskrizzjoni skond xi wahda mill-ipotesijiet varji prevvisti mil-ligi taht il-Kodici Civili. Hu biss meta jsir dan illi l-Qorti hi fid-dmir li tezamina l-preskrizzjoni mqanqla b'riferiment ghall-fattispeci sostanzjali u dik tal-kwalifikazzjoni guridika ta' l-istess fattispeci. Diversament, il-Qorti ma setghetx hi stess u minn rajha tiddetermina x-xorta tal-preskrizzjoni applikabbli ghaliex dan hu vjetat lilha mid-dispost ta' l-Artikolu 2111 ta' l-imsemmi Kodici;

Affermat dan, kieku stess din il-Qorti kellha tikkonsidra l-preskrizzjoni specifika sottomessa mill-appellanti f'dan l-istadju, l-istess ma tiggjovax id-difiza tieghu fuq dik il-bazi. Dan ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:-

(1) Ghal fini tal-preskrizzjoni f'materja ta' self wiehed kellu jhares mhux ghad-data ta' l-iskrittura, kif hekk argomentat mill-appellanti, imma ghad-data li fiha kellha ssir ir-restituzzjoni. Ara "**Zammit -vs- Mizzi**", Appell Civili, 19 ta' Gunju, 1970 u "**Busuttil -vs- Farrugia**", Appell Kummercjali, 12 ta' Marzu, 1973. Li jifsser b'applikazzjoni ghal kaz konkret illi, la r-radd lura tas-somma intiera ta' Lm10,000 specifikata fl-iskrittura tat-18 ta' April, 2001 (fol. 15) kellu jsir bejn wiehed u iehor sas-17 ta' Frar, 2004 (meta kkalkolat bir-raba ta' Lm300 fix-xahar), it-terminu preskrizzjonali ta' hames snin a norma ta' l-Artikolu 2156 (e) tal-Kapitolu 16 ma kienx ghadu ddekorra meta saret il-kawza (9 ta' Lulju, 2007), ossija l-ewwel ittra ufficcjali tat-2 ta' Frar, 2007 (ara kopja formali taghha a fol. 22);

(2) F'kull kaz hi disposizzjoni cara tal-ligi fl-Artikolu 2134 Kodici Civili illi l-"preskrizzjoni tinkiser ukoll bi hlas akkont tad-dejn maghmul mid-debitur innfisu jew minn wiehed li jkun jidher ghalih". Ovvjament, ir-raguni ghaliex jezisti dan l-effett interruttiv hi dik li bl-att tal-pagament akkont id-debitur qed jaghraf l-ezistenza tad-debitu u tali hi inkompatibbli ma' dik tal-volonta li jiddiskonoxxi l-pretiza tal-kreditur tieghu. Tradott dan li nghad ghall-fattispeci, jirrizulta mill-provi illi l-ahhar hlas effettwat sar fil-bidu tas-sena 2007 (ara Affidavit ta' l-attur a fol. 13) u fiz-zgur li l-hlas akkont dam isir aktar minn sentejn (ara xhieda ta' Jacqueline Muscat mart il-konvenut a fol. 35). Ukoll minn din l-ottika z-zmien preskrittiv ghall-proponiment ta' l-azzjoni, tenut rigward ta' l-att interruttiv tal-hlas akkont, ma kienx ghadu skada;

Fuq it-tieni kwestjoni in tezi generali, u apparti ghall-mument mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz prezenti, ghandu jigi notat illi meta tezisti skrittura jew kitba li turi x'kienet il-volonta negozjali tal-kontraenti dwar dak li

ftehmu u l-modalita tieghu, dik il-kitba b'dak il-ftehim ghandha tigi mantenuta billi mhux permissibbli li jingiebu provi kontra l-miktub, hlief fil-kazijiet specjali ghal-liema tirreferi d-duttrina legali u l-gurisprudenza. Ara b'illustrazzjoni s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tal-5 ta' Mejju, 1955 in re: "**Rev. Can. Emmanuele Muscat -vs- Lucy Portelli**". Hekk, ad ezempju, wiehed minn dawn il-kazijiet specjali hu dak fejn il-parti debitrici f'kuntratt ta' self tqajjem kwestjoni ta' uzura, ghaliex, kif ritenut, "kwalunkwe ftehim li l-partijiet jistghu jinventaw biex il-kreditur jasal ghal fini tieghu li jiehu mghax aktar minn dak li tippermetti l-ligi huwa null" ("**Neg. Lewis Formosa -vs- Antonio Gatt**", Qorti tal-Kummerc, 20 ta' Novembru, 1937) u "l-konvenzjoni affetta b'uzura hija ghal dak li jirrigwarda l-uzura nulla b'mod assolut, jigifieri inezistenti billi illecita ghaliex projbita mil-ligi u hija illecita fir-rigward tal-mutwant" ("**Lorenza Bellia -vs- Carmelo Zammit *et***", Appell Civili, 18 ta' Gunju, 1945). Dan huwa hekk ghaliex, kif kompla jigi enuncjat, "il-vjolazzjoni tad-divjet tal-ligi hija maghmula unikament a favur tieghu u kontra l-interessi tad-debitur, li hafna drabi, jekk mhux dejjem, ikollu joqghod kontra l-volonta` tieghu" ("**Carmelo Lia -vs- Emmanuele Genovese**", Appell Civili, 4 ta' Marzu, 1938);

Fil-kaz prezenti l-appellanti wkoll jaccenna ghall-fatt ta' l-uzura billi jsostni illi, apparti s-self proprju ricevut *b'cheque*, l-ammont l-iehor domandat, raffigurat mill-attur bhal self ta' somma kapitali, kien jirrapprezenta imghaxijiet illeciti li jaqbzu r-rata ta' interessi permissibbli ta' tmienja fil-mija (8%). Ghas-sostenn ta' din l-allegazzjoni tieghu l-appellant jistrieh unikament fuq ix-xhieda tieghu u dik ta' martu. L-ewwel Qorti, bir-ragun, ma pprestatx affidament lil din ix-xhieda mahsuba biex tikkontrasta dik il-parti ta' l-iskrittura li, oltre c-*cheque*, kienet tirreferi ghal self iehor f'ammont kontanti. Principalment, il-motivazzjoni ta' l-ewwel Qorti kienet imsejsa fuq il-konsiderazzjoni illi l-appellanti ma kienx ghaqli meta qabad u ffirma skrittura meta ma kienx jaf il-kontenut taghha u, dippju, il-versjoni ta' l-attur kienet aktar titwemmen ghaliex korroborata mix-xhieda tal-Perit Sarsero li sostniet il-fatt provat li kien hemm avvanzi ta' flus b'self in kontanti;

Bla dubju f'kazijiet ta' din ix-xorta, dejjem problematici ghal min irid jiggudika in kwantu finalment jirpozaw maggorment fuq il-kredibilita` tal-versjoni l-wahda jew l-ohra, l-attur appellat, *qua* mutwant, hu f'qaghda pjuttost avvantaggjata ghal dak li hu l-istat ta' prova in kwantu, ankorke kellha tigi skartata x-xhieda tal-Perit Sarsero, li mhux ghal kollox indipendenti, gjaldarba jigi t-tifel ta' oht il-mara ta' l-attur, xorta wahda hu sorrett minn dak kontenut fl-iskrittura, u biex jirribattiha, kien jispetta lill-appellanti li jipprovdi prova adegwata, cara u sufficjenti li tikkonvinci illi verament fis-somma reklamata kienu inkorporati imghaxijiet uzurarji. Prova din li anke fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti ma saretx, jew, almenu, mill-komparizzjoni tal-versjonijiet u dik tal-kriterju generali tac-certezza morali, ma saretx kif kellha ssir, b'mod attendibbli, u verosimili. Ic-cirkostanzi li jsahhu dan il-konvinciment fil-Qorti huwa l-atteggjament traskurat tieghu fil-mument li ffirma l-iskrittura u dak tal-komportament posterjuri tieghu, ukoll negattiv, li meta kien jaf li hu radd lura l-ammont ekwivalenti ghac-*cheque* (Lm4000), ciononostante, issokta jaghmel pagamenti ohra akkont biex ic-cifra tar-restituzzjoni lahhqet Lm5630. Taht dan il-profil, il-Qorti ma jidhriliex illi l-appellanti rnexxielu anke f'dan l-istadju jgib 'il quddiem l-inkongruwenza tal-motivazzjoni tas-sentenza bazata fuq il-kumpless tal-provi biex jikkonsenti li din il-Qorti tiddipartixxi minnha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell fiz-zewg aggravji tieghu u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------